# 41. Lis-Silla

Eluf u eluf ta' snin, ja silla ħamra,
tmajt u għajjixt il-bhejjem ta' gżiritna;
bik u bil-qamħ u x-xgħir ħalfu minn dejjem
missirijietna.

Bis-saħħa tiegħek huma ħartu r-raba',
dawru lis-swieni, ġarrew frott u bejgħa,
u ġrew minn tarf għal ieħor ta' pajjiżna
fix-xogħol u l-btala.

Illum ma għadniex hekk; eluf ta' piedi
fannadna ġewwa l-art u l-bjar hemm sibna
taż-żejt u tal-pitrolju l'għandhom saħħa
taż-żwiemel kollha

Li tmajt u li għajjixt fil-għomor tiegħek.
Sew bħall-bjuda tal-qlugħ ma ddumx ma tostor;
il-mixja tal-progress lil ħadd ma taħfer,
lanqas lill-ġmiel!